A.L. 57 ta' l-2003

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Sierra Leone

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Sierra Leone, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Sierra Leone, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 189 ta' l-2000.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:–

"(3) Għall-fini tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, ir-Riżoluzzjoni 1446 (2002) adottata mill-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti qegħda tiġi ppubblikata bl-ilsien Ingliż fl-Iskeda 1446 (2002) li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

"Perjodu ta' seħħ.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni 1306 (2000) li kien jistabbilixxi li l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' l-istess riżoluzzjoni kellhom iseħħu għal perjodu inizjali ta' tmintax-il xahar, u d-disposizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 1385 (2001) adottata mill-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti fid-19 ta' Diċembru, 2001, li bihom il-

miżuri imposti bl-imsemmi paragrafu 1 kellhom jibqgħu jseħħu għal perjodu ġdid ta' ħdax-il xahar mill-5 ta' Jannar, 2002, għandhom issa japplikaw id-disposizzjonijiet tar-Riżoluzzjoni 1446 (2002) adottata mill-Kunsill tas-Sigurezza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-4 ta' Diċembru, 2002, li bihom il-miżuri imposti bl-imsemmi paragrafu 1 għandhom jibqgħu jseħħu għal perjodu ġdid ta' sitt xhur mill-5 ta' Diċembru, 2002.".

Iżid Skeda 1446 (2002) ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara SCHEDULE 1385 (2001), għandha tiżdied l-iskeda ġdida indikata bħala SCHEDULE 1446 (2002) fi tmiem it-test Ingliż ta' dawn ir-regolamenti.